# Iżżanżnet id-Dijadema ta' San Ġorġ

Kien il-Ħadd, 26 ta' Mejju 1957 u z-zuntier tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, u l-pjazza quddiemha, kienet imballata bin-nies li marru bi ħġarhom biex ikunu preżenti għal ċerimonja partikolari. Marru biex jaraw titbierek dijadema ġdida fjamanta, tad-deheb, li saret għall-istatwa titulari ta' San Ġorġ biex tintuża fil-jiem tal-festa.



*Id-dijadema ta' San Ġorġ. (Ritratt: J. Frendo)*

Id-dijadema kienet għotja tas-Sinjura Karmela Borg u s-Sinjorina C. Camilleri li bejniethom ħallsu l-ispejjes kollha konnessi ma' biċċa xogħol tassew artistika li ddisinjaha Manwel Buhagiar minn Raħal Ġdid u nħadmet mill-arġentier Ġużeppi Pirotta min-Naxxar. Id-dijadema twasslet bil-banda saz-zuntier u refagħha Twanny Borg, iben waħda mid-donaturi, imdawwar minn ċorma tfal u rġiel. Fuq iz-zuntier tbierket minn Monsinjur Carmelo Sammut.



*Twanny Borg, iben id-donatriċi Karmena Borg, iżomm f'idu d-dijadema ta' San Ġorġ. Fuq il-lemin tiegħu hemm Salvu Seisun, neputi tad-donatriċi l-oħra C. Camilleri. (Ritratt: Kollezzjoni J.F. Grima)*